# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Numru: 803/2017**

**Kawza fuq il-lista Numru: 3**

**Illum, 17 ta' Novembru, 2017**

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**Pierre u Yvette mizzewgin Valletta**

**K.I. numri 299381(M) u 209583 (M)**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** tas-socjeta' attrici Bank of Valletta p.l.c. li gie prezentat fil-5 ta' Settembru, 2017, li permezz tieghu esponew:

1. *"Illi permezz ta' zewg skritturi datati 12 ta' Dicembru 2007 (Dok. "A") u 17 ta' Mejju 2010 (Dok. "B"), is-soċjetà attriċi ikkonċediet faċilitajiet bankarji lil Pierre u Yvette mizzewgin Valletta;*

2. *Illi s-soċjetà attriċi tinsab kreditriċi tal-konvenuti Pierre u Yvette mizzewgin Valletta fis-somma ta' sbatax-il elf, hames mija u hdax-il Ewro u ghoxrin centezmu (€17,511.20) bilanċ għad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Pierre u Yvette mizzewgin Valletta mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok.“C1 sa C4 u Dok. “D”) flimkien mal-imgħax ulterjuri mill-11 ta' Awwissu 2017 sad-data tal-effettiv pagament;*

3. *Illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fl-iskritturi fuq imsemmija (u hawn eżibiti bħala Dokument “A” u “B”), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Pierre u Yvette mizzewgin Valletta:*
   *(a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess skritturi sopraindikata, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Pierre u Yvette mizzewgin Valletta li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilità tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi.*

4. *Illi l-attrici nomine taf bil-fatti fuq imsemmija personalment.*

5. *Illi l-konvenuti Pierre u Yvette mizzewgin Valletta gew interpellati permezz ta' ittra uffiċjali datata 10 ta' Marzu 2014, li kopja tagħha qed tiġi hawn eżibita u immarkata Dok 'E' sabiex jitħallas id-dejn fuq imsemmi, iżda huma baqghu inadampjenti u għal din ir-raġuni kellha ssir din il-kawza.*

*Għaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji u li jingħataw il-provvedimenti opportuni, jgħidu l-konvenuti għaliex m'Għandhiex Din il-Qorti Tilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi li qegħda hawn titlob li Din il-Qorti Jogħġobha:*

1. *Tiddikjara u Tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fl-iskritturi fuq imsemmija (u hawn eżibita bħala Dokument “A” u “B”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Pierre u Yvette mizzewgin Valletta*

*(a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi, (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess skritturi sopraindikata, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Pierre u Yvette mizzewgin Valletta li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilità tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi, u*

2. *Tikkundanna lil Pierre u Yvette mizzewgin Valletta jħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' sbatax-il elf, hames mija u hdax-il Ewro u ghoxrin centezmu (€17,511.20) bilanċ għad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Pierre u Yvette mizzewgin Valletta mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok."C1 sa C4 u Dok. "D") flimkien mal-imgħax ulterjuri mill-11 ta' Awwissu 2017 sad-data tal-effettiv pagament.*

*Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali datata 10 ta' Marzu 2014 (Dok. "E") u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenuti li huma inġunti minn issa sabiex jidhru għas-subizzjoni."*

Rat **in-nota ta' ammissjoni** tal-konvenuti Pierre u Yvette mizzewgin Valletta li giet prezentata seduta stante fis-17 ta' Novembru 2017 li permezz taghha esponew:

*"Li permezz taghha qeghdin jammettu l-kawza pero' jitolbu l-Qorti tikkunsidra din l-ammissjoni fejn jigu attribwiti spejjez tal-kawza u anki a fini ta kif ghandha tithallas is-somma lil Bank attur tenut kont ic-cirkostanzi taghhom u l-fatt li regghu bdew ihallsu l-pagamenti mensili."*

Konsegwentement tilqa' t-talbiet kif dedotti u cioe':

**1. Tiddikjara u Tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fl-iskritturi fuq imsemmija (eżibiti bħala Dokument "A" u "B") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Pierre u Yvette mizzewgin Valletta (a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi, (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess skritturi sopraindikata, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Pierre u Yvette mizzewgin Valletta li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilità tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi, u**

**2. Tikkundanna lil Pierre u Yvette mizzewgin Valletta jħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' sbatax-il elf, hames mija u hdax-il Ewro u ghoxrin centezmu (€17,511.20) bilanċ għad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Pierre u Yvette mizzewgin Valletta mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok."C1 sa C4 u Dok. "D") flimkien mal-imgħax ulterjuri mill-11 ta' Awwissu 2017 sad-data tal-effettiv pagament.**

**3. Bl-ispejjeż kompriżi a karigu ta' l-intimati dawk tal-ittra uffiċjali datata 10 ta' Marzu 2014 (Dok. "E") u tal- Mandat ta' Sekwestru.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Kristie Xuereb**
**Dep. Reg.**